MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2004

Numru. 857/2002

Il-Pulizija
(Spettur Bernard Zarb)
vs
Kevin Camilleri

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Kevin Camilleri, detentur tal-karta ta' l-identita Nru 531871 (M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer fil-25 ta' Settembru 2002, u fil-jiem ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' cekkijiet ta' APS Bank li jappartjenu lil Carmel Barbara, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn

obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, dan bi ksur ta' l-Artikolu 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Kif ukoll talli ghamel xjentement uzu mill-istess att, kitba jew skrittura falza, dan bi ksur ta' l-Artikolu 184 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, u cioe' Karta ta' l-Identita, u cekkijiet tal-APS Bank fuq l-akkont ta' Carmel Barbara illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficjal pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, u aktar talli ghamel uzu mill-istess karta imsemmija u dan bi ksur ta' l-Artikolu 167 u 169 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. B'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' hsara ta' Smart Supermarket, Carmel Barbara, APS Bank u diversi presuni ohra bi ksur ta' l-Artikolu 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Xjentement laqa ghandu jew xtara affarijiet misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghhom bi ksur ta' l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Ikkommetta serq ta' cekk book mahrug mill-APS Bank fuq l-akkont ta' Carmel Barbara;
7. Ghamel dikjarazzjoni falza, jew ta xi taghrif falz, jew ipproduca dokument falz, meta kien jaf li dan huwa falz, jew iffalsifika karta ta' l-identita jew xi dokument iehor u dan bi ksur ta' l-artikolu 14 tal-Kap. 258 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-Nota ta’ l-Avukat Generali tat-28 ta’ Novembru, 2003 li permezz taghha deherlu li tista tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub :

(a) Fl-Artikoli 18, 183 u 533 tal-Kodici Kriminali;
(b) Fl-Artikoli 18, 184 u 533 tal-Kodici Kriminali;
(c) Fl-Artikoli 18, 127 u 533 tal-Kodici Kriminali;
(d) Fl-Artikoli 18 u 169 tal-Kodici Kriminali;
(e) Fl-Artikoli 18, 308, 310 u 533 tal-Kodici Kriminali;
(f) Fl-Artikoli 18, 309, 310 u 533 tal-Kodici Kriminali;
(g) Fl-Artikoli 18, 334, u 533 tal-Kodici Kriminali;
(h) Fl-Artikoli 284, 285 u 533 tal-Kodici Kriminali;
(i) Fl-Artikolu 14 (2) (b) tal-Kap. 258 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti;

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat l-atti ta’ din il-kawza, d-dokumenti esebiti u l-atti kollha ta’ dan il-procediment;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u dana waqt is-seduta tal-11 ta’ Marzu, 2004.

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiza dwar il-piena;

Ikkunsidrat :

Taqta u tiddeciedi, billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, qeghda issibu hati ta’ l-istess imputazzjonijiet kollha, u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota ta’ l-Avukat Generali tat-28 ta’ Novembru, 2003, kif ukoll l-Artikoli 17 u 31 tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi Carmel Barbara kien ghamel rapport lill-pulizija fis-sens illi xi hadd kien kissirlu l-hgiega ta' wara tal-vettura tieghu, minn hemm hekk seraqlu l-attache case li kienet tikkontjeni cheque books, ATM cards, driving license, elf u mitejn lira fi flus in kontanti u xi dokumenti ohrajn.

Illi sussegwentement irrizulta illi l-APS Bank minkejja illi Barbara kien avzahom bis-serqa u kien talabhom sabiex taghmel stop payment tac-cheques kollha illi kienu fuq ic-cheque book illi insteraqlu ma kienux segwew l-istruzzjonijiet tieghu u fil-fatt kienu issarfu sitt cekkijiet ta' l-APS bank li b'kollox kienu jammontaw ghas-somma ta' elf tmien mija u tlieta u tmenin lira. Meta Barbara ra c-cheques illi gew imsarfa huwa xehed illi la l-kitba li hemm fuq ic-cheques ma hi tieghu u lanqas il-firma. Barbara xehed illi missier l-imputat kien tah ic-cheque bl-ammont kollu, jigifieri ta' cirka elf u tmien mitt lira, is-somma illi fil-fatt il-bank naqqaslu mill-current account tieghu illi tah dawn l-flus tahomlu permezz ta' post dated cheques illi jissarfu kull xahar ghall-ammont ta' mitejn u hamsin lira.

Illi jirrizulta wkoll mill-provi prodotti illi l-imputat kien iffalsifika wkoll identity card sabiex setgha isarraf dawn ic-cheques.

Illi l-imputat fuq imsemmi ikkopera mal-pulizija fis-sens illi ammetta kollox fl-investigazzjoni, irrilaxxja stqarrija f'dan is-sens, u ta ukoll il-hwejjeg lill-pulizija illi huwa kien xtara permezz ta' dawn ic-cheques illi huwa kien iffalsifika.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta wkoll mill-provi prodotti illi l-imputat f'Marzu tas-sena 2003 beda programm residenzjali mal-Fondazzjoni OASI ghar-riabilitazzjoni mid-droga.

Xehed certu Noel Scerri, "treatment co-ordinator" mal-fondazzjoni OASI illi qal illi l-imputat jinzel ghal "sessions" Ghawdex darba fil-gimgha, isirulu l-urine tests u r-rizultati jkunu dejjem fin-negattiv, jigifieri ma jinstabux tracci ta'

droga fl-urina ta' l-imputat. Scerri xehed illi l-imputat ghandu ir-rwol ta' segretarju fl-assocjazzjoni "Narcotics Anonymous" u ghalih l-imputat ghamel progress sodisfacenti hafna, u dan jirrifletti kemm fuq ix-xoghol illi irnexxielu izomm, kif ukoll fl-attitudini tieghu illi juri lejn il-familja illi qieghed jibni. Di fatti l-imputat mhuwiex mizzewweg, jghix ma xi hadd u ghandu tifla, tarbija ta' ftit xhur. Huwa jahdem bhala sales manager mal-Algida.

Illi xehdet ukoll Carmen Borg, probation officer, u qalet illi hija taf lill-imputat peress illi qeghda isegwih taht supervision order moghtija taht sentenza sospiza. Borg xehdet illi kemm ilha isegwi lill-imputat dan dejjem ikkopera maghha, dejjem jigi ghall-appuntamenti. L-attitudini tieghu hija wahda posittiva u meta hija tikkuntattja lill-fundazzjoni Oasi dejjem jaghtuha "feedback" posittiva dwar l-imputat. Meta Borg titkellem ma tax-xoghol tal-imputat jghidulha li ma ghandhomx problemi mieghu, u jinsabu sodisfatti b'xogholu. Hija ipprecizat illi hija ma tkellimx lil tax-xoghol tieghu, izda ticcekkja ma ta' l-ETC, dejjem bil-kunsens bil-miktub tal-imputat. Borg xehdet ukoll illi l-imputat qieghed f'relazzjoni stabbli u ghandu tarbija, xtara wkoll flat illi qieghed jirrangah. Jidher li huwa stabbili fir-relazzjonijiet kollha tieghu, kemm dawk personali, kif ukoll dawk tax-xoghol u illum il-gurnata ma jidhirx li ghad ghandu l-problema tad-droga, anzi hu stess jaghti "support" lin-nies ohra fl-assocjazzjoni "Narcotics Anonymous". Jaghti mill-hin liberu tieghu, jaghmel xoghol volontarju man-"Narcotics Anonymous" u tal-Fondazzjoni OASI jorganizzaw gruppi u l-imputat jattendi ghal dawn il-gruppi u jaghti sehemu fihom.

Illi l-Ispettur Bernard Zarb xehed fis-sens illi sa fejn jaf hu l-imputat baqa jhallas is-somma li kellu jaghti lil Carmelo Barbara, id-derubat.

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena illi mill-fedina penali tal-imputat irrizulta illi dan l-imputat kellu l-problema tad-droga u meta ikkommetta r-reat in kwistjoni kien disokkupat. Irrizulta wkoll illi illum il-gurnata huwa irnexxielu jeghleb din il-problema illi kellu, ghandu xoghol

“full time” u ghandu wkoll relazzjoni stabbili illi minnha twieldet tarbija. Ghaldaqstant il-Qorti tara illi certament ma jkunx ghaqli illi l-imputat jigi karcerat meta huwa ghamel sfors sabiex heles mill-problema illi kellu tad-droga u qieghed anke jghin lil haddiehor li ibaghti minn din il-problema fuq bazi volontarja, mill-hin liberu tieghu. Il-Qorti tara illi f’dawn ic-cirkostanzi jkun ghaqli ferm illi l-imputat jinghata l-ahhar opportunita sabiex jirriforma hajtu, u dan fl-istess interess tal-imputat, kif ukoll tas-socjeta’, u ghalhekk, wara illi l-Qorti rat l-Artikoli kollha imsemmija fin-Nota ta’ l-Avukat Generali tat-28 ta’ Novembru, 2003, kif ukoll l-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tikkundanna lill-imputat fuq imsemmi, misjub hati kif diga intqal ghall-prigunerija ta’ tmintax il-xahar sospiza ghal tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati fi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28 G tal-Kap. 9 u qeghda taghmel ordni ta’ supervizzjoni li permezz ta’ din l-ordni qeghda tqieghed lill-hati taht is-supervizzjoni ta’ l-Ufficjal Sorveljanti Carmen Borg ghall-perjodu ta’ tmintax il-xahar mil-lum.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk ma joqghodx ghal kull ordni legittima illi taghtih l-Ufficjal Sorverlanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------